



## Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

6 ta' Frar 2019\*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja — Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Ġurisdizzjoni f'materji ċivili u kummerċjali — Regolament (KE) Nru 44/2001 u Regolament (KE) Nru 1346/2000 — Kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi — Falliment ta' uffiċjal ġudizzjarju — Azzjoni mressqa mil-likwidatur responsabbli għall-Amministrazzjoni u ta' falliment”

Fil-Kawża C-535/17,

li għandha bħala suġġett tagħha talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa minn Hoge Raad der Nederlanden (il-Qorti Suprema tal-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Settembru 2017, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Settembru 2017, fil-proċedura

NK, fil-kwalità tiegħu ta' likwidatur tal-fallimenti ta' PI Gerechtsdeurwaarderskantoor BV u ta' PI

vs

**BNP Paribas Fortis NV,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta (Relatur), Viċi President, li qed jaġixxi bħala President tal-Ewwel Awla, A. Arabadjiev, E. Regan, C. G. Fernlund u S. Rodin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: R. Schiano, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-5 ta' Lulju 2018,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- NK, fil-kwalità tiegħu ta' likwidatur tal-fallimenti ta' PI Gerechtsdeurwaarderskantoor BV u ta' PI minn B.I. Kraaijpoel, T.V.J. Bil, P.M. Veder u R.J.M.C. Rosbeek, advocaten,
- għal BNP Paribas Fortis NV, minn F. E. Vermeulen u R. J. van Galen, advocaten,
- għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes, M. Figueiredo u P. Lacerda, bħala aġenti,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn R. Troosters kif ukoll minn M. Heller, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2018,

\* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

tagħti l-preżenti

### Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(2)(b) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Volum 4, p. 42), tal-Artikolu 4(1), u tal-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 dwar proċeduri ta' insolvenza (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Volum 1, p. 19), kif ukoll l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II) (ĠU 2007, L 199, p. 40).
- 2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn NK, fil-kwalità tiegħu bħala likwidatur tal-falliment ta' PI Gerechtsdeurwaarderskantoor BV u ta' PI (iktar 'il quddiem il- "likwidatur") u BNP Paribas Fortis NV (iktar 'il quddiem "Fortis"), dwar l-irkupru mil-likwidatur, fil-kuntest ta' proċeduri ta' falliment mibdija fil-Pajjiżi l-Baxxi, ta' somma indebitament imposta minn wieħed falluti f'kont miftuħ ma' Fortis, fil-Belġju.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Ir-Regolament Nru 1346/2000*

- 3 Il-premessi 4, 6, 7 u 23 tar-Regolament Nru 1346/2000 jiddikjaraw:
  - “(4) Huwa meħtieġ għal funzjonament tajjeb tas-suq intern li jiġu evitati inċentivi għal partijiet li jittrasferixxu assi jew proċedimenti ġudizzjarji minn Stat Membru għall-ieħor, biex b'hekk ifittxu sitwazzjoni legali aktar favorevoli (forum shopping).
- [...]
- (6) Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità dan ir-Regolament għandu jkun limitat għal dispożizzjonijiet li jirregolaw ġurisdizzjoni għal ftuħ ta' proċeduri ta' insolvenza u ġudizzji li jingħataw direttament fuq bażi ta' proċeduri ta' insolvenza u li huma marbuta mill-qrib ma' proċedimenti bħal dawn. Barra minn hekk, dan ir-Regolament għandu jkun fih dispożizzjonijiet rigward l-għarfien ta' dawk il-ġudizzji u rigward il-liġi applikabbli li tissodisfa wkoll dak il-prinċipju.
- (7) Proċeduri ta' insolvenza li huma marbuta ma' l-egħluq ta' kumpannija jew ta' persuni ġuridiċi oħrajn falluti, arranġamenti ġudizzjarji, komposizzjonijiet u proċedimenti analogi huma esklużi mill-iskop tal-Konvenzjoni ta' tas-27 ta' Settembru 1968, dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 1972, L 299, p. 32) kif emendata bil-Konvenzjoni, tad-29 ta' Novembru 1996, dwar l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, tar-Repubblika tal-Finlandja u tar-Renju tal-Isvezja (ĠU 1997, L 15, p. 1)].
- [...]
- (23) Dan ir-Regolament għandu jesiġi, għall-materji koperti minnu, regoli uniformi dwar kunflitt ta' liġijiet, li jibdlu, fl-iskop tal-applikazzjoni tagħhom, ir-regoli nazzjonali tal-liġi privata internazzjonali. Sa kemm ma jingħadx mod ieħor, għandha tapplika l-liġi tal-Istat Membru tal-ftuħ tal-proċedimenti (lex concursus). Din ir-regola ta' kunflitt ta' liġijiet għandha tkun valida kemm għal proċedimenti prinċipali kif ukoll għal proċedimenti lokali; il-lex concursus

tiddetermina l-effetti tal-proċeduri ta' insolvenza, kemm proċedurali kif ukoll sostantivi, fuq il-persuni u relazzjonijiet legali li jikkonċernawhom. Jirregola il-kondizzjonijiet kollha għal ftuħ, it-twettieq u l-egħluq tal-proċeduri ta' insolvenza.”

4 L-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament huwa fformulat kif ġej:

“Il-qrati ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun jinstab iċ-ċentru ta' l-interessi prinċipali tad-debitur għandu jkollu l-ġurisdizzjoni biex jiftaħ il-proċeduri ta' insolvenza. Fil-każ ta' kumpannija jew persuna ġuridika, il-post ta' l-uffiċju rreġistrat għandu jkun meqjus li huwa iċ-ċentru ta' l-interessi prinċipali fin-nuqqas ta' prova għal kuntrarju.”

5 L-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament jipprevedi:

“1. Flief fejn ipprovdut b' mod ieħor f'dan ir-Regolament, il-liġi applikabbli għal proċeduri ta' insolvenza [insolvenza] u l-effetti tagħhom għandha tkun dik ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinfetaħ tali proċedura, minn hawn 'il quddiem imsemmija bħala l-'Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti’.

2. Il-liġi ta' l-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti għandha tiddetermina l-kondizzjonijiet tal-ftuħ ta' dawk il-proċedimenti, il-manjiera tagħhom u l-egħluq tagħhom. Għandu jiddetermina b' mod partikolari:

[...]

(ċ) il-poteri rispettivi tad-debitur u tal-likwidatur;

[...]

(e) l-effetti tal-proċeduri ta' insolvenza fuq kuntratti kurrenti li minnhom id-debitur jagħmel parti;

(f) l-effetti tal-proċeduri ta' insolvenza [proċeduri ta' insolvenza] fuq il-proċedimenti miġjuba minn kredituri individwali, bl-eċċezzjoni ta' kawżi pendenti;

[...]

(h) ir-regoli li jirregolaw il-preżentazzjoni, il-verifika u l-ammissjoni tat-talbiet;

[...]

(m) ir-regoli li għandhom x'jaqsmu ma' invalidità, nuqqas ta' irbit [annullament] u nuqqas ta' enforzabilità ta' atti legali detrimntali għal kredituri kollha.”

6 Skont l-Artikolu 13 ta' dan l-istess regolament:

“L-Artikolu 4(2) m'għandux japplika meta l-persuna li tibbenefika minn att detrimntali għal-kredituri kollha tipprovi prova li:

– l-imsemmi att huwa suġġett għall-liġi ta' Stat Membru apparti minn dak l-Istat tal-ftuħ tal-proċedimenti,

kif ukoll

– dik il-liġi ma tippermettix xi meżżi biex jiġi disputat dak l-att fil-każ relevanti.”

### ***Ir-Regolament Nru 44/2001***

- 7 L-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 44/2001, dwar il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, huwa fformulat kif ġej:

“1. Dan ir-Regolament għandu japplika fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali independentament min-natura tal-qorti jew tat-tribunal. M'għandux jestendi b'mod partikolari, għal introjtu minn taxxi, dwana jew materji amministrattivi.”

2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

- (a) l-istatus jew il-kapaċità ġuridika ta' persuni naturali, drittijiet ta' propjetà li joriġinaw minn relazzjonijiet matrimonjali, testmenti u suċċessjoni;
- (b) falliment, proċedimenti relatati mal-istralċ ta' kumpanniji insolventi jew ta' persuni ġuridiċi oħra, arranġamenti ġudizzjarji, ftehimiet u proċedimenti analogi;
- (ċ) Is-sigurtà soċjali
- (d) l-arbitraġġ.

[...]

### ***Ir-Regolament Nru 864/2007***

- 8 L-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 864/2007 jipprovdi kif ġej:

“Fl-eżami tal-komportament tal-persuna allegatament responsabbli, għandu jittieħed kont, bħala fatt u sa fejn ikun xieraq, tar-regoli ta' sigurtà u ta' kondotta li kienu fis-seħħ fil-post u fil-mument ta' l-avveniment li wassal għar-responsabbiltà.”

### **Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

- 9 PI kien uffiċjal ġudizzjarju mis-sena 2002 sa meta tneħħa matul ix-xahar ta' Diċembru 2008. Għall-finijiet tal-prattika tiegħu ta' uffiċjal ġudizzjarju, PI kien detentur ta' kont kurrenti miftuħ fil-Belġju ma' Fortis. Dan il-kont kien dak li jiġi kkreditat l-persuni li huwa l-irkupru tad-djun tagħhom.
- 10 Matul is-sena 2006, PI kienet PI Gerechtsdeurwaarderskantoor BV (iktar 'il quddiem “PI.BV”), kumpannija rregolata mid-dritt Olandiż, li fir-rigward tagħha huwa kien l-uniku azzjonist kif ukoll l-amministratur. Din il-kumpannija kellha bħala għan l-operat tal-prattika tal-uffiċjali ġudizzjarji ta' PI, li pprovdiet PI.BV il-wirt tal-prattika tal-uffiċjali ġudizzjarji, inkluż kont kurrenti miftuħ ma' Fortis. PI.BV kien ukoll detentur ta' kont terzi miftuħ ma' bank ieħor, stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi, fejn kienu ddepożitati fondi ta' madwar 200 klijent tal-prattika.
- 11 Matul il-perijodu bejn it-23 u s-26 ta' Settembru 2008, PI ttrasferixxa permezz ta' trasferiment elettroniku somma totali ta' EUR 550 000 minn dan il-kont terzi lejn il-kont ta' Fortis. Ftit jiem wara, bejn l-1 u t-3 ta' Ottubru 2008, PI rtira s-somma ta' EUR 550 000 f'dan il-każ kont kurrenti ta' Fortis. Dan l-att ġie kklassifikat bħala approprjazzjoni indebita ta' fondi u PI ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija ta' dan il-kap.

- 12 Il-falliment ta' PI.BV, segwit minn, f'isem personali, ta' PI, ġew iddikjarati rispettivament fit-23 ta' Ġunju 2009 u fit-2 ta' Marzu 2010.
- 13 Fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri tal-falliment, il-likwidatur ressaq quddiem ir-Rechtbank Maastricht (il-Qorti ta' Maastricht, il-Pajjiżi l-Baxxi) b'azzjoni intiża għall-kundanna ta' Fortis għall-ħlas tas-somma ta' EUR 550 000. Insostenn tat-talba tiegħu, l-likwidatur sostna li Fortis kienet ħadet ir-responsabbiltà tal-massa tal-kredituri ta' PI.BV u ta' PI, billi jaħdem bis-sħiħ għal għid ta' flus imwettqa minn PI u bi ksur tal-obbligi legali tagħha, li kkawżaw ħsara għall-kredituri ta' żewġ fallimenti.
- 14 Ir-Rechtbank Maastricht (il-Qorti ta' Maastricht) iddikjara ruħu kompetenti biex tisma' t-talba tal-likwidatur. Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata il-Gerechthof's-Hertogenbosch (il-Qorti tal-Appell ta' Hertogenbosch, il-Pajjiżi l-Baxxi) permezz ta' sentenza interlokutorja tal-4 ta' Ġunju 2013, minħabba li t-talba tal-kuratur kienet ibbażata fuq il-fallimenti ta' PI u PI.BV u, għaldaqstant, kien jaq' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1346/2000.
- 15 F'dan il-kuntest, b'sentenza definitiva, ir-Rechtbank Maastricht (il-Qorti ta' Maastricht) ikkundannat lil Fortis għall-ħlas tas-somma ta' EUR 550 000 bħala danni kkawżata lill-kredituri.
- 16 Fl-appell, il-Gerechthof's-Hertogenbosch (il-Qorti tal-Appell ta' Hertogenbosch) fis-16 ta' Frar 2016, ta' sentenza provviżorja li permezz tagħha hija qieset li, peress li hija kienet diġà ddeċidiet dwar il-ġurisdizzjoni tal-qorti Olandiżi fis-sentenza provviżorja tal-4 ta' Ġunju 2013, hija ma setgħetx, bħala prinċipju, terġa'teżamina din il-kwistjoni. Il-Gerechthof 's-Hertogenbosch (il-Qorti tal-Appell ta' Hertogenbosch) madankollu indikat, f'din id-deċiżjoni, li jirriżulta mis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-4 ta' Settembru 2014, Nickel & Goeldner Spedition (C-157/13, EU:C:2014:2145) u tal-11 ta' Ġunju 2015, Comité d'entreprise de Nortel Networks *et* (C-649/13, EU:C:2015:384) kif ukoll l-argumenti ta' Fortis, li din id-deċiżjoni dwar il-ġurisdizzjoni tal-qorti Olandiżi kienu a priori kienet żbaljata, b'tali mod li tippermetti l-preżentazzjoni ta' appell fil-kassazzjoni fuq dan il-punt.
- 17 Barra minn hekk, il-Gerechthof's-Hertogenbosch (il-Qorti tal-Appell ta' Hertogenbosch) ikkunsidrat li azzjoni mill-kuratur kontra Fortis kienet azzjoni msejħa "Peeters/Gatzen", li l-prinċipju tagħha ġie stabbilit mill-Hoge Raad (il-Qorti Suprema, l-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' sentenza tal-14 ta' Jannar 1983. Bis-saħħa ta' tali azzjoni "Peeters/Gatzen", f'ċerti ċirkustanzi, il-kuratur jista' jressaq azzjoni għad-danni għal responsabbiltà delittwali jew kważi delittwali kontra parti terza li tkun ipparteċipat għat-tweġiq tad-dannu mġarrab tal-kredituri, filwaqt li ma kellux biżżejjed stess ta' tali azzjoni. Skont din il-ġurisprudenza, ir-rikavat ta' din l-azzjoni miġjuba mil-likwidatur fl-interess tal-kredituri kollha ser imur lura fil-patrimonju.
- 18 Il-likwidatur ippreżenta appell quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Hoge Raad (il-Qorti Suprema) kontra s-sentenza tal-Gerechthof's-Hertogenbosch (il-Qorti tal-Appell ta' Hertogenbosch) tas-16 ta' Frar 2016. Fortis, min-naħa tiegħu, ippreżenta appell inċidentalment kontra l-istess sentenza, fejn jikkritika l-Gerechthof's-Hertogenbosch (il-Qorti tal-Appell ta' Hertogenbosch), *inter alia*, li ddikjarat ruħha kompetenti fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1346/2000 biex tiegħu konjizzjoni tal-azzjoni mressqa mil-likwidatur.
- 19 Il-qorti tar-rinviju tqis li hemm dubju raġonevoli dwar jekk azzjoni msejħa "Peeters/Gatzen" għandha titqies bħala azzjoni rregolata biss minn regoli speċifiċi tal-proċedura ta' falliment, b'tali mod li din ma taqax, bħala tali, fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001.
- 20 Il-qorti tar-rinviju tesprimi ukoll dubji fir-rigward il-kwistjoni dwar jekk il-klassifikazzjoni ta' azzjoni fil-kuntest tal-eżami dwar il-kompetenza għadha kruċjali tal-identifikazzjoni tal-liġi applikabbli għalih, b'mod li, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1346/2000, xorta waħda kien ikun hemm rabta bejn il-ġurisdizzjoni u l-liġi applikabbli.

- 21 Fl-aħħar nett, fil-każ fejn il-liġi applikabbli għall-mertu u, konsegwentement, l-azzjoni “Peeters/Gatzen”, id-dritt Olandiż, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, f’sitwazzjoni tali, sabiex tiġi evalwata n-natura illegali ta’ miżura partikolari, madankollu, għandu jitqies, b’analoġija mal-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 864/2007, moqri flimkien mal-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1346/2000, ir-regoli ta’ sigurtà u kondotta fis-seħħ fil-post tal-avveniment dannuż li huwa allegat, bħal regoli ta’ kondotta li l-banek finanzjarja.
- 22 F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-Hoge Raad (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:
- “1) L-azzjoni għad-danni li l-likwidatur tal-falliment, abbażi tal-Artikolu 68(1) tal-liġi dwar il-falliment li jinkarigah bil-ġestjoni u bil-likwidazzjoni tal-massa tal-falliment, jibda, f’isem il-kredituri kollha tal-persuna falluta kontra terz li kkawża dannu lil dawn il-kredituri, azzjoni li, fil-każ ta’ suċċess, il-benefiċċju li jirriżulta minnha jerġa’ lura fil-massa, taqa’ taħt l-esklużjoni prevista fl-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament [Nru 44/2001]?”
- 2) Jekk tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda u jekk, għaldaqstant, l-azzjoni inkwistjoni taqa’ taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000, tad-29 ta’ Mejju 2000, dwar proċeduri ta’ insolvenza [proċeduri ta’ insolvenza], din l-azzjoni hija rregolata mil-liġi tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu l-proċedura ta’ insolvenza tinfetaħ, skont l-Artikolu 4(1) ta’ dan ir-regolament, kemm f’dak li jirrigwarda l-kompetenza tal-likwidatur sabiex jibda din l-azzjoni kif ukoll f’dak li jirrigwarda d-dritt li japplika għaliha fil-mertu?
- 3) Fil-każ ta’ risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, il-qorti tal-Istat ta’ ftuħ għandha tiegħu inkunsiderazzjoni, irrISPETTIVAMENT jekk hux b’analoġija jew le:
- a) l-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000, tad-29 ta’ Mejju 2000, dwar proċeduri ta’ insolvenza [proċeduri ta’ insolvenza], fis-sens li l-parti li r-responsabbiltà tagħha tinsab inkwistjoni tista’ tiddefendi ruħha mill-azzjoni mibdija mil-likwidatur f’isem il-kredituri kollha billi tipproduċi l-prova li l-atti tagħha ma jiskattawx ir-responsabbiltà tagħha skont il-liġi li kienet tkun applikabbli għall-azzjoni li kieku r-responsabbiltà tagħha ma kinitx tqajmet inkwistjoni mil-likwidatur iżda minn debitur individwali;
- b) l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta’ Lulju 2007, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II), moqri flimkien mal-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000, tad-29 ta’ Mejju 2000, dwar proċeduri ta’ insolvenza [proċeduri ta’ insolvenza], jiġifieri r-regoli ta’ sigurtà u ta’ aġir fis-seħħ fil-post tal-fatt dannuż li huwa allegat, bħar-regoli ta’ aġir imposti fuq il-banek fil-qasam finanzjarju?”

## Fuq id-domandi preliminari

### Fuq l-ewwel domanda

- 23 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 1(1) u (2)(b) tar-Regolament Nru 44/2001 għandu jiġi interpretat fis-sens li azzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li għandha bħala suġġett talba għad-danni għal responsabbiltà delittwali jew kważi delittwali, eżerċitata mil-likwidatur fil-kuntest ta’ proċedura ta’ falliment u li, fil-każ ta’ suċċess, il-massa tal-kredituri, taqa’ taħt il-kunċett ta’ “materji ċivili u kummerċjali”, fis-sens tal-paragrafu 1 ta’ din id-dispożizzjoni u, għaldaqstant, taħt il-kamp ta’ applikazzjoni *ratione materiae* tal-imsemmi regolament.

- 24 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li, abbażi b'mod partikolari tax-xogħlijiet storiċi marbuta mal-Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet f'materji ċivili u kummerċjali (iktar 'il quddiem il-"konvenzjoni ta' Brussell"), liema test ġie ssostitwit bir-Regolament Nru 44/2001, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan l-aħħar regolament u r-Regolament Nru 1346/2000 għandhom jiġu interpretati b'mod li tiġi evitata kull sovrappożizzjoni bejn ir-regoli tad-dritt stabbiliti minn dawn it-testi u kull lakuna legali. B'hekk, l-azzjonijiet esklużi, abbażi tal-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament Nru 44/2001, mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan tal-aħħar, sa fejn dawn jaqgħu taħt "falliment, proċedimenti li għandhom x'jaqsmu ma' għeluq ta' kumpannija falluti jew ta' persuni ġuridiċi oħra, arranġamenti ġuridiki, komposizzjoni jew proċedimenti analogi", jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1346/2000. B'mod simetriku, l-azzjonijiet li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament 1346/2000 jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2017, Tünkers France u Tünkers Maschinenbau, C-641/16, EU:C:2017:847, punt 17).
- 25 Il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat ukoll li, kif tindika b'mod partikolari l-premessa 7 tar-Regolament Nru 44/2001, l-intenzjoni tal-leġislatur tal-Unjoni kienet li jagħti kunċett wiesa' tal-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali" li jinsab fl-Artikolu 1(1) ta' dan ir-regolament u, konsegwentement, kamp ta' applikazzjoni wiesa' ta' dan tal-aħħar. Għall-kuntrarju, il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1346/2000, konformement mal-premessa 6 tiegħu, ma għandux jiġi suġġett għal interpretazzjoni wiesgħa (is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2017, Tünkers France u Tünkers Maschinenbau, C-641/16, EU:C:2017:847, punt 18).
- 26 Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li huma biss l-azzjonijiet li joriġinaw direttament minn proċeduri ta' insolvenza u li huma marbuta mill-qrib magħhom huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Brussell u, warajha, tar-Regolament Nru 44/2001 (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Frar 1979, Gourdain, 133/78, EU:C:1979:49, punt 4, u tad-19 ta' April 2012, F-Tex, C-213/10, EU:C:2012:215, punti 22 u 24). Konsegwentement, dawn l-azzjonijiet biss, kkaratterizzati hekk, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1346/2000 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-9 ta' Novembru 2017, Tünkers France u Tünkers Maschinenbau, C-641/16, EU:C:2017:847, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 27 Barra minn hekk, huwa dan l-istess kriterju, kif stabbilit mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Brussell, li ġie rripetut fil-premessa 6 tar-Regolament Nru 1346/2000 li jintuża sabiex jiġi ddeterminat s-suġġett ta' dan tal-aħħar u ġiet ikkonfermata permezz tar-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Mejju 2015, dwar proċedimenti ta' insolvenza (ĠU 2015, L 141, p. 19). mhux applikabbli *ratione temporis* għal din il-kawża, li l-Artikolu 6 tagħha jipprovdi li l-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu nbdiel il-proċedura ta' insolvenza għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu kull azzjoni li tirriżulta direttament mill-proċedura ta' insolvenza u li tkun marbuta magħhom.
- 28 Fil-fatt, il-kriterju determinanti adottat mill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tidentifika l-qasam li taqa' fih azzjoni taqa' ma huwiex il-kuntest proċedurali li fih taqa' din l-azzjoni, iżda l-bażi legali ta' din tal-aħħar. Skont dan l-approċċ, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk id-dritt jew l-obbligu li fuqu tkun ibbażata l-azzjoni joriġinax mir-regoli komuni tad-dritt ċivili u kummerċjali jew minn regoli derogatorji, speċifiċi għall-proċeduri ta' insolvenza (is-sentenzi tal-4 ta' Settembru 2014, Nickel & Goeldner Spedition, C-157/13, EU:C:2014:2145, punt 27; tad-9 ta' Novembru 2017, Tünkers France u Tünkers Maschinenbau, C-641/16, EU:C:2017:847, punt 22, u tal-20 ta' Diċembru 2017, Valach *et*, C-649/16, EU:C:2017:986, punt 29).
- 29 Fil-fatt, minn naħa, il-fatt li, wara l-ftuħ ta' proċedura ta' insolvenza, tiġi eżerċitata mil-likwidatur innominat fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri u li dan tal-aħħar jaġixxi fl-interess tal-kredituri ma jbidli b'mod sostanzjali n-natura tagħha, li hija indipendenti minn proċedura ta' insolvenza u li tibqa'

- suġġetta, fil-mertu, għal regoli ta' dritt komuni (ara, b'analoġija, is-sentenzi tal-10 ta' Settembru 2009, German Graphics Graphische Maschinen, C-292/08, EU:C:2009:544, punti 31 u 33, kif ukoll tal-4 ta' Settembru 2014, Nickel & Goeldner Spedition, C-157/13, EU:C:2014:2145, punt 29).
- 30 Min-naħa l-oħra, konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija l-intensità tar-rabta li teżisti bejn azzjoni ġudizzjarja u l-proċedura ta' insolvenza li hija determinanti sabiex jiġi deċiż jekk l-esklużjoni stabbilita fl-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament Nru 44/2001 hijiex applikabbli (is-sentenza tad-9 ta' Novembru 2017, Tünkers France u Tünkers Maschinenbau, C-641/16, EU:C:2017:847, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 31 F'dan il-każ, l-ewwel nett, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li l-azzjoni msejja "Peeters/Gatzen", li fiha ġie rrikonoxxut għall-ewwel darba mill-ġurisprudenza tal-Hoge Raad (il-Qorti Suprema) permezz ta' sentenza tal-14 ta' Jannar 1983, liema azzjoni tista' tiġi ppreżentata mil-likwidatur tal-falliment fl-interess tal-kredituri kollha fil-kuntest ġenerali tagħha, irrikonoxxuta fl-Artikolu 68 tal-Liġi dwar il-Falliment, sabiex jamministra u jillikwida l-patrimonju. Sussegwentement, ir-riżultat ta' din l-azzjoni, f'każ li l-applikazzjoni tiġi milqugħa, il-massa tal-kredituri kollha sabiex jitqassam skont ir-regoli ta' pjan ta' likwidazzjoni. Barra minn hekk, sabiex tiddeċiedi dwar tali azzjoni mwettqa matul il-proċedura ta' insolvenza, minn naħa, ma hemmx lok li tiġi eżaminata l-pożizzjoni individwali tal-kredituri u, min-naħa l-oħra, terz li kontrih l-azzjoni ma jistax jopponi lil-likwidatur l-mezzi ta' difiża li għandha kontra kull wieħed individwali.
- 32 Issa, għandu jiġi kkonstatat li l-karatteristiċi ta' din l-azzjoni msejja "Peeters/Gatzen" imsemmija fil-punt preċedenti huma parti il-kuntest proċedurali li fih taqa' din l-azzjoni. Fil-fatt, jekk tali azzjoni titwettaq matul il-proċedura ta' insolvenza, il-likwidatur, fil-kuntest tal-missjoni tagħha ta' ġestjoni u li, skont l-Artikolu 68 tal-Liġi dwar il-Falliment, li fl-interess tal-kredituri kollha u, konsegwentement, ir-rikavat ser imur lura fil-patrimonju.
- 33 Sussegwentement, skont l-elementi li jirriżultaw mill-proċess ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-azzjoni ppreżentata mil-likwidatur kontra Fortis hija azzjoni għal responsabbiltà delittwali. L-għan ta' din l-azzjoni huwa li Fortis jiġi kkundannat abbażi ta' allegat ksur tal-obbligi tiegħu ta' sorveljanza, liema obbligi kellhom iwassluh jirrifjuta għid ta' flus kontanti magħmula minn PI fl-ammont ta' EUR 550 000, peress li dan kien, skont il-likwidatur, ikkawża dannu lill-kredituri.
- 34 Għaldaqstant, fuq il-bażi ta' dawn l-elementi, tali azzjoni tkun ibbażata fuq regoli komuni tad-dritt ċivili u kummerċjali u mhux minn regoli derogatorji, speċifiċi tal-proċedura ta' insolvenza.
- 35 Fl-aħħar nett, anki jekk, fil-kawża prinċipali, l-eżistenza ta' rabta ma' proċeduri ta' insolvenza huwa inkontestabbli, peress li din hija l-azzjoni mressqa mil-likwidatur fl-interess tal-kredituri, xorta jibqa' l-fatt li, kif jirriżulta mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja, tali azzjoni tista' titressaq minn kredituri individwali, kemm jekk qabel, matul jew wara l-iżvolġiment tal-proċedura ta' insolvenza.
- 36 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 68 tal-konklużjonijiet tiegħu, azzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li, minn naħa, tista' tiġi ppreżentata mill-kreditur stess, b'tali mod li din ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-likwidatur, u, min-naħa l-oħra, hija indipendenti mill-ftuħ ta' proċedura ta' insolvenza, ma tistax tiġi kkunsidrata bħala konsegwenza diretta u inseparabbli ta' tali proċedura.
- 37 Għaldaqstant, għandu jiġi kkunsidrat li tali azzjoni ma hijiex ibbażata fuq regoli derogatorji, speċifiċi għall-proċeduri ta' insolvenza, iżda, għall-kuntrarju, regoli komuni tad-dritt ċivili u kummerċjali u għalhekk ma taqax barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001.
- 38 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, hemm lok li tingħata risposta għall-ewwel domanda li l-Artikolu 1(1) u (2)(b) tar-Regolament Nru 44/2001 għandu jiġi interpretat fis-sens li azzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li għandha bħala suġġett talba għad-danni għal responsabbiltà delittwali



jew kważi delittwali, eżerċitata mil-likwidatur fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment u li, fil-każ ta' suċċess, il-massa tal-kredituri, taqa' taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali" fis-sens tal-paragrafu 1 ta' din id-dispożizzjoni u, għaldaqstant, taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-imsemmi regolament.

### ***Fuq it-tieni u t-tielet domanda***

- 39 It-tieni u t-tielet domandi ġew magħmula biss fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li azzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqa' taħt l-esklużjoni prevista fl-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament Nru 44/2001, ma hemmx lok li tingħata risposta għal dawn id-domandi.

### **Fuq l-ispejjeż**

- 40 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 1(1) u (2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001 tat-22 ta' Diċembru 2000 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li azzjoni, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li għandha bħala suġġett talba għad-danni għal responsabbiltà delittwali jew kważi delittwali, eżerċitata mil-likwidatur fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment u li, fil-każ ta' suċċess, il-massa tal-kredituri, taqa' taħt il-kunċett ta' "materji ċivili u kummerċjali", fis-sens tal-paragrafu 1 ta' din id-dispożizzjoni u, għaldaqstant, taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tal-imsemmi regolament.**

Firem